IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

Illum il-21 ta' Jannar 2020

Appell numru 114 tal-2019

Il-Pulizija
vs
Enas Sobhy Z. Attia CASHA

Il-Qorti:

ll-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 April, 2019 fil-konfront ta' Enas Sobhy Z. Attia CASHA, karta tal-identità bin-numru 36478(A) ġiet mixlija:

    Talli nhar l-1 ta' Frar 2019 għall-ħabta ta' 12:00 hrs, quddiem il-Qorti ġewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta:

1. Għamlet lil Samir Lotfi F. Tawdrous inġurji jew theddid, jew jekk kienet ipprovakata, inġurjat b'mod li ħarġet barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall- iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużata.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti, stqarret is-segwenti:

Rat dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Preliminari

1 Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali.
Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-prosekuzzjoni.
Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha.
Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala un avviso a ċomparire, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali.
Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti ddifiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq. Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk Il-Qorti qegħda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Maġistrat Aaron Bugeja fil-kawża il-Pulizija vs Joseph Ċalleja et. deċiza fil-5 ta' Frar 2016 persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-

istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-proċess penali.
Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu gurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.
Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi.
Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia carte blanche li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.
Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li mhumiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.
F'kull każ pero', stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq.
Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.
Mill-banda l-oħra, jekk id-difiża tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabilita' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill imputat. Dawn huma prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti. Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-kaz skont l-akkuża li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawża intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn millimputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni. L-għodda biex tiddeċiedi.
Il-Ġudikant li jkun se jiddeċiedi kif se jagħzel is-sikkrana mill-qamħ? It-tweġiba nsibuha f'deċiżjonijiet li taw il-Qrati tagħna: Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.

2 F'deċizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2007 filkaż Il-Pulizija vs Charles Bianco.

3 l-Imħallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda: Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit eċitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Iddiskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'ġara dakinhar tal-allegat inċident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorreġux" il-verżjonijiet biex iġibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi 2 Appell Ċivili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deċiz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vinċent De Gaetano u l-Imħallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti. 3 Appell Kriminali Numru. 115/2006 ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaġa normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata. Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Gudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud: id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ixxiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra taxxiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ. Il-Qorti tfakkar, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li "ixxiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar". Il-Qorti kellha ċ-ċans tanalizza x-xhieda li ngħatat mill-imputata u l-parte ċivile, fejn l-imputata sostniet li ma kienet qalet xejn lill-imputat, limputat sostna dak li kien qal lill-pulizija a tempo vergine li "bħal ma daħħaltek il-ħabs bir-rapporti foloz, nerġa' indaħħlek il-ħabs, foxx il-mejtin tiegħek, foxx kemm għandek". Wasal iż-żmien li darba għal dejjem jinqatgħu dawn l-inċidenti li jseħħu wara seduti fil-Qorti, li ħafna drabi qegħdin jikkawżaw xogħol zejjed lill-pulizija u ħela ta' ħin lill-Qorti.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat Artikoli 339(1)(e), 7(2)(a), 637 u 638 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dik il-Qorti sabet lill-imputata

ħatja u kkundannatha għal xahar detenzjoni. Inoltre, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali rabtet lil imputata b' obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta' elfejn ewro (€2000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza u dan skont il-kundizzjonijiet fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha.

3. Illi minn din is-sentenza Enas Sobhy Z. Attia CASHA interponiet appell permezz ta' rikors datat 24 ta' April 2019 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet Pulizija vs Enas Sobhy Z. Attia CASHA tal-15 ta' April 2019 fis-sens li tirrevokata in kwantu din sabitha ħatja u ikkundannatha għal detenzjoni u rabtitha b'obbligazzjoni tagħha nnifisha, u tilliberaha mill-istess.

Dan wara li saħqet is-segwenti: -

> Illi l-aggravju jirrigwarda s-sejba tal-ħtija tal-esponenti. Jider li l-Ewwel Qorti, għalkemm mistenni mod ieħor, mhux biss ma ppermettietx lill-avukat Leslie Cuschieri jixhed u jitfa dawl fuq min kien qed jgħid il-verita' f'dan il-każ, talli anqas tat-piż lill-fatt li l-istess avukat, fil-kontroeżami tal-parte civile, staqsa lill-istess Samir Tawdrous kif kien possibli li f'12:00 huwa mar jirrapporta l-għassa tal-Belt li l-esponenti għajritu barra mill-bini tal-Qorti, meta san-12.30 din kienet għadha miegħu ġewwa l-bini tal-Qorti, u Samir Tawdrous ma kienx jaf x'jaqbad jirrispondi. Samir Tawdrous baqa' jinsisti b'mod konvinċenti mal-Ewwel Qrati li Enas CASHA kontinwament tippersegwitah, meta dan hu biss gideb pur. Mhux biss dan huwa gideb sfrenat, talli għall-kuntrarju huwa Samir Tawdrous li ilu snin jivvessa lill-appellanti u lill-uliedha sal-punt li għal numru ta' xhur kien ħtiġilhom imorru joqogħdu ġo shelters u homes' Di fatti Samir Tawdrous anke inħarġitlu ordni ta' protezzjoni biexma jinżilz il-Ħamrun fejn jgħixu l-appellanti u uliedha, u biex ma javviċinhomx.
>
> Illi mhux talli mhuwiex minnu li l-esponenti qed tippersegwita lil Samir Tawdrous, talli bil-kontra Samir Tawdrous akkwista ħanut/garage faċċata tad-dar tal-esponenti ġewwa Triq Ħal Qormi fil-Ħamrun biex ikun jista' imur qridb tagħhom u jivvessahom ta' kuljum. Issa li għandu ordni ta' protezzjoni li żżommu milli jmur il-Ħamrun, Samir Tawdrous ħoloq

każ falz li taparsi seħħ ġewwa l-Belt Valletta, fejn il-każ allura instema minn Maġistrat li qatt qabel ma kellu każijiet ta' dan Samir Tawdrous, u għalhekk ma jafx x'isarraf. Huma interminabbli l-inċidenti li ħoloq dan Samir Tawdrous, anke l-avukat Leslie Cuschieri meta f'okkażżjoni huwa segwa lil Enas CASHA ġewwa l-Appoġġ u hemmhekk mhux biss infexx jgħajjar lilha imma għajjar u hedded anke lill-avukat tagħha. Dan il-każ huwa mibni fuq gidba wara l-oħra milli jaf joħloq Samir Tawdrous.

Illi fi kwalunkwe każ, u bla ebda pregudizzju għall-aggravju preċedenti, il-piena inflitta għal akkuża kif dedotta kienet severa propju għaliex l-Ewwel Qorti ppretendiet li l-esponeneti tammettietx il-ħtija, u dan m'għandux mill-ġustizzja.

4. Rat il-preġudizzjali mqajjma mill-parte ċivile kif debitament rappreżentat fejn ikkontenda n-nullita' tar-rikors tal-appell minħabba n-nuqqas ta' talba għall-garanzija u sospensjoni tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat :-

5. Illi nhar l-1 ta' Frar 2019 għall-ħabta tan-12:09, il-parte ċivile Samir Lotfi Fahim irraporta fl-Għassa tal-Floriana illi dakinhar stess, madwar għaxar minuti qabel li mar jagħmel il-kwerela, hu kellu seduta l-Qorti fuq kawża fil-konfront tiegħu u li kienet istitwita minn martu, l-appellanta. F'dik il-kawża il-Qorti ma kienetx sabitu ħati. Kif ħareġ barra wara li ntemmet dik il-kawża, huwa iltaqa' mal-appellanta illi kkonfrontatu bi kliem ta' theddid u inġurjuż. Hu għamel il-kwerela anki minħabba li kien qed jibża' li l-appellanta tasal li tagħmillu xi ħaġa ħażina.

6. L-appellanta ġiet mixlija b'imputazzjonijiet bażati fuq din il-kwerela ta' żewġha. Hi ċaħdet kategorikament li hi qatt iltaqgħet

jew tkellmet mal-parte ċivile. Anzi tgħid li hu allegatament kien għamel ħafna rapporti foloz fil-konfront tagħha. Madankollu il-Qorti tal-Maġistrati sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha. Mill-atti jirriżulta li wara l-għoti tas-sentenza, l-appellanta rrifjutat illi tiffirma n-nota ta' garanzija u sospensjoni tas-sentenza appellata, allegatament minħabba malintiz, peress li ma kinitx qegħda tifhem sew dak illi kien rikjest minnha f'dak il-waqt.

Ikkunsidrat :-

7. Illi din hi sentenza parzjali li titratta limitatament il-preġudizzjali mqajjma mill-parte ċivile matul is-seduta tas-7 ta' Novembru 2019 quddiem din il-Qorti dwar l-allegata nullita' tar-rikors tal-appell intavolat mill-appellanta minħabba l-fatt illi hi naqset milli tiffirma jew titlob in-nota ta' garanzija u sospenzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati.

8. L-artikoli 416 u 417 tal-Kodiċi Kriminali huma l-qofol ta' din il-vertenza u s-siltiet l-aktar rilevanti jinqraw kif ġej:

> **416. (1)** Il-persuna misjuba ħatja li ma tkunx taħt arrest għar-reat li tiegħu tkun ġiet misjuba ħatja tista', meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-qorti inferjuri ttwaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, kemm-il darba tagħti garanzija tajba, skont l-artikolu 577(1), li tidher għal kull att tal-kawża quddiem il-qorti superjuri kull darba li tiġi msejħa minn dik il-qorti; u f'dan il-każ igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 579, 581, 583, 585, 586 u 587.
>
> **(1A)** Meta l-parti misjuba ħatja li ma tkunx taħt arrest għar-reat li tiegħu tkun ġiet misjuba ħatja tiġi kkundannata għal priġunerija jew detenzjoni u minnufih qabel is-sejbien ta' ħtija dik il-persuna kienet qed tgawdi l-ħelsien mill-arrest kif provdut fit-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi, il-kondizzjonijiet relattivi għal dak il-ħelsien mill-arrest, inkluż il-mod ta' garanzija u s-somma jew pleġġ ekwivalenti, jekk ikun il-każ, speċifikati fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, għandhom jibqgħu

japplikaw b'żieda mal-garanzija meħtieġa taħt is-subartikolu (1) malli jinkiseb waqfien fl-esekuzzjoni tas-sentenza kif provdut f'dak is-subartikolu sew sakemm jiskadi ż-żmien biex ikun jista' jiġi ppreżentat l-appell jekk ma jiġi ppreżentat ebda appell, sew jekk xort'oħra sa meta jiġi deċiż l-appell.

(5) Meta l-persuna misjuba ħatja, wara li tiddikjara li trid tappella, tonqos li tagħti l-garanzija msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, hija tinżamm arrestata sakemm tagħti dik il-garanzija, jew jekk le, sakemm jinqata l-appell.

417. (1) L-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tnax-il jum tax-xogħol, li jibdew igħaddu, għall-persuna misjuba ħatja u għall-kwerelant, mill-ġurnata tas-sentenza definittiva, u, għall-Avukat Ġenerali, minn dak in-nhar li jirċievi l-atti:...'

9. Minbarra dawn id-disposizzjonijiet, issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Andre Sant,***[1] li flimkien ma' każijiet oħra dwar l-istess materja, kienet ikkristalizzat l-interpretazzjoni tal-artikoli 416 u 417 tal-Kodiċi Kriminali hekk: -

L-Artikolu 417(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li r-rikors ta' appell tal-persuna misjuba hatja ghandu jingieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fi zmien tmint ijiem tax-xoghol jew tnax-il jum tax-xoghol (skond jekk is-sentenza tkunx inghatat Malta jew Ghawdex) mill-gurnata tas-sentenza definittiva. L-Artikolu immedjatament precedenti, imbghad, jipprovdi li l-persuna misjuba hatja tista' "meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-Qorti Inferjuri t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza" kemm-il darba taghti, jekk ikun il-kaz, id-debita garanzija. Ghalhekk ma huwiex il-kaz li hemm bzonn li jkun hemm talba espressa ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza: kwalsiasi kliem adoperat li minnu jkun jirrizulta sostanzjalment car li dak li jkun irid jappella jammonta ghal "talba" ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghall-finijiet tal-Artikolu 416 imsemmi.

L-Artikolu 416, a differenza ta' l-Artikolu 499(3) tal-Kodici Kriminali, ma jirrikjedix espressament li l-avviz ta' appell ghandu jinghata "minnufih wara li tigi moghtija d-decizjoni tal-qorti". Jidher li kienu biss certi sentenzi li ezigew li t-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghandha ssir minnufih wara l-pronunzjament tas-sentenza da parti tal-Qorti tal-

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Awwissu 2003.

> Magistrati. L-argument favur tali tezi hu, bazikament, illi galadarba ma jkunx hemm tali talba, allura s-sentenza ghandha - salv dak li jinghad fl-Artikolu 665 tal-Kodici Kriminali - tigi ezegwita minnufih. Mill-banda l-ohra ma hemm xejn fil-ligi li espressament jimpedixxi li sentenza, li ma tkunx giet ezegwita jew ezegwita kollha kemm hi entro it-tmint ijiem jew it-tnax-il jum tax-xoghol skond il-kaz, tigi sospiza l-ezekuzzjoni taghha. Dak li l-ligi, kif riflessa anke fil-gurisprudenza, ma tridx, hu li jkun hemm l-akwijixxjenza f'dik is-sentenza da parti tal-hati, li wara jipprova jappella minnha. Tali akwijixxjenza tirrizulta meta (1) jew il-hati jaghmel, fiz-zmien stabbilit ghall-appell jew anke wara li jkun pprezenta r-rikors ta' appell, xi haga li turi li qed joqghod ghal dik is-sentenza (bhal, per ezempju, ihallas il-multa jew ammenda, jew anke semplicement jitlob zmien ghall-hlas rateali) jew (2) meta l-hati, entro z-zmien stabbilit ghall-prezentata tar-rikors ta' appell, jonqos milli jitlob is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza.
>
> Huwa f'dan is-sens li l-gurisprudenza pparifikat, bhala massima generali, in-nuqqas ta' talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-Artikolu 416 ma' l-akwijixxjenza u cioe` meta l-hati, minghajr ma qabel jitlob is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, jghaddi biex jipprezenta r-rikors ta' appell. S'intendi, tista' tokkorri sitwazzjoni fejn is-sentenza (ezempju ta' gurnata jew jumejn detenzjoni) tigi ezegwita kollha qabel ma l-hati jkun ghamel it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' tali sentenza entro t-tmint ijiem jew it-tnax-il jum tax-xoghol aktar 'l fuq imsemmija. F'dak il-kaz, galadarba s-sentenza tkun giet kollha kemm hi ezegwita, ma tistax tintalab is-sospenjoni ta' l-ezekuzzjoni taghha u, ghalhekk, anqas jista' jsir appell minnha.

10. Fil-verbal tas-seduta datata 15 t'April 2019, ġie verbalizzat li wara li l-Qorti tal-Maġistrati pronunzjat is-sentenza, l-appellanta kif debitament assistita mill-legali tagħha, *ma riditx tiffirma s-sospenzjoni tal-appell u lanqas il-formula tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali*. L-appellanta damet b'dan l-atteġjament għal madwar kwarta, fejn anke għaddiet ċerti kummenti dispreġattivi fil-konfront tal-Qorti li konsegwentement waħħlitha disprezz u kkundannatha ħmistax-il jum detenzjoni, oltre l-piena mposta għas-sejbien ta' ħtija f'dan il-każ.

11. Skond dan l-istess verbal, aktar tard matul l-istess jum, għall-ħabta tas-13:30, l-Avukat tal-appellanta indirizza lill-Qorti fejn informaha li CASHA riedet tindirizza lill-Qorti sabiex tiskuża ruħha fuq dak li kien seħħ quddiemha aktar kmieni. L-appellanta xtaqet titlob skuża tal-kliem li wżat fil-konfront tal-Qorti *'u dan għaliex ma kienetx qiegħda tifhem x'inhu għaddej'*. Wara li hi għamlet apoloġija formali, il-Qorti tal-Maġistrati rrevokat *contrario imperio* d-detenzjoni imposta għad-disprezz.[2] A folio 8 imbagħad hemm il-formola tal-obbligazzjoni għas-sigurta skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali li ġiet iffirmata mill-appellanta nhar il-15 ta' April 2019, presumibbilment wara l-apoloġija formali quddiem il-Qorti.

12. Dan il-verbal ma jsemmi xejn dak li jirrigwarda t-talba għas-sospenzjoni u l-garanzija in segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Madankollu a folio 16, hemm talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li ntlaqgħet mill-Qorti nhar il-15 ta' April 2019 - ċioe fl-istess jum meta ngħatat is-sentenza kontra l-appellanta - versu garanzija personali ta' ħames mitt euro (€500). Din ukoll jirriżulta li ġiet iffirmata mill-appellanta. Jidher ukoll illi CASHA kienet bdiet tikteb in-numru tal-karta tal-identita' tagħha taħt il-firma tagħha iżda għal xi raġuni mhux magħrufa minn din il-Qorti din ma tkomplietx tinkiteb. Di piu' a folio 17 hemm ukoll il-firma tal-istess appellanta fuq in-nota tal-garanzija.

13. Hemm ukoll żewġ *tickets* għall-ħabs maħruġin fil-konfront tal-appellanta. L-ewwel *ticket* huwa għar-rigward il-piena ta'

[2] Ara verbal a folio 3 u 4 tal-atti proċesswali.

detenzjoni ta' xahrejn illi hi ġiet ikkundannata tiksonta skond din is-sentenza u mill-kitba fuqu jidher illi dan ġie rtrirat wara li fuqu hemm ukoll notament li n-nota tal-appell kienet ġiet iffirmata.[3]

14. Imbagħad hemm it-tieni *ticket* għar-rigward tad-detenzjoni ta' ġimgħatejn illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet oriġinarjament imponiet fuq l-appellanta minħabba d-disprezz. Fuqu hemm notament tad-Deputat Reġistratur li jgħid li d-disprezz ġie revokat meta reġgħet issejħet il-kawża. Din ġiet maħfura u irtirata mill-Qorti.

15. Kwindi a differenza ta' dak li jisħaq il-parte ċivile, jirriżulta li għalkemm l-intenzjoni oriġinali tal-appellanta kif espressa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet li ma tiffirma l-ebda dokument, inkluż dawk tal-garazija u s-sospenzjoni, sussegwentement u fi żmien qasir minn dak l-episodju matul l-istess ġurnata jirriżulta ċar li hi iffirmathom, u dan wara illi għamlet apoloġija lil-Qorti fl-istess jum illi ngħatat is-sentenza kontriha.

16. Jirriżulta għalhekk li l-appellanta ma skontat l-ebda terminu ta' detenzjoni. Għalkemm fil-verbal a fol 4 hemm miktub li l-appellanta kienet irrifjutat li tiffirma s-sospensjoni tal-appell, meta din il-Qorti tara d-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 416 u 417 tal-Kodiċi Kriminali moqrija in sintonija ma dak stabbilit fl-appell kriminali ***Andre Sant***, huwa evidenti illi l-appellanta ma tilfet l-ebda jedd tal-appell. Għalkemm b'titubanza inizzjali, l-appellanta **ma naqsitx** mill-tintavola n-noti relattivi mal-għoti tas-sentenza kontra

[3] Ara folio 18 et seq tal-atti proċesswali.

tagħha, u **<u>bl-ebda moda ma kienet akkwjexxenti</u>** bl-imġieba tagħha.

17. Anzi jipprevali dak id-dubju dettat mir-raġuni dwar kemm verament hija kienet f'qagħda tifhem dak li kien mitlub minnha fis wara l-qari tas-sentenza kontra tagħha mill-Qorti tal-Maġistrati, kif kif anke jirriżulta mill-verbal tal-Qorti a fol 4.

18. Għal kull buon fini jingħad illi l-appellanta preżentat ir-rikors tal-appell għal dan il-każ fl-24 ta' April 2019 u ċioe entro t-tnax il-jum tax-xogħol wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi li tiċħad il-preġudizzjali tan-nullita l-appell u tordna l-prosegwiment tal-appell fil-meritu quddiemha.

Aaron M. Bugeja
Imħallef